



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, XXX

Abbozz ta'

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../2010**

**ta' [...]**

**dwar is-sorveljanza tas-sikurezza fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi ta'  
navigazzjoni bl-ajru**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**ABBOZZ TA' REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...**

**ta' [...]**

**dwar is-sorveljanza tas-sikurezza fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE<sup>1</sup> kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1108/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 fil-qasam tal-ajrudromi, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru u li jħassar id-Direttiva 2006/23/KE<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8b tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-Ajru Uniku Ewropew<sup>3</sup> (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 biex itejjeb il-prestazzjoni u s-sostenibbiltà tas-sistema Ewropea tal-avjazzjoni<sup>4</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem 'l-Aġenzija'), hija meħtieġa li tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni rilevanti sabiex tippovdi sett ta' rekwiżiti regolatorji ta' sikurezza għall-implimentazzjoni ta' funzjoni effettiva ta' sorveljanza tas-sikurezza tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM). L-Artikolu 8b tar-Regolament 216/2008 jitlob li dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni jiġu żviluppati fuq il-bażi tar-regolamenti adottati skont l-Ajru Uniku Ewropew I. Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq ir-Regolament (KE) Nru 1315/2007 tat-8 ta' Novembru 2007 dwar

---

<sup>1</sup> ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 309, 24.11.2009, p. 51.

<sup>3</sup> ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10.

<sup>4</sup> ĠU L 300, 14.11.2009, p. 34.

sorveljanza tas-sikurezza fl-amministrazzjoni tat-traffiku tal-ajru<sup>5</sup> u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2096/2005<sup>6</sup>.

- (2) Hemm il-ħtieġa li jiġu definiti aktar ir-rwol u l-funzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, ir-Regolament (KE) No 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew<sup>7</sup> (ir-Regolament qafas), ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 u r-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni tat-Traffiku tal-Ajru<sup>8</sup> (ir-Regolament ta' interoperabilità). Dawn ir-regolamenti jinkludu rekwiżiti dwar is-sikurezza tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru. Filwaqt li r-responsabbiltà għall-forniment sikur tas-servizz hija ta' min jipprovdha s-servizz, l-Istati Membri għandhom jassiguraw sorveljanza effettiva permezz tal-awtoritajiet kompetenti.
- (3) Dan ir-Regolament ma jkoprix l-operazzjonijiet u t-taħriġ militari, kif previst fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 u l-Artikolu 1(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.
- (4) L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu verifiki u reviżjonijiet regolatorji tas-sikurezza f'konformità ma' dan ir-Regolament, bħala parti mill-ispezzjonijiet u l-istħarriġ xierqa mitluba mir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regolament (KE) Nru 550/2004.
- (5) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-użu tal-approċċ ta' sorveljanza tas-sikurezza li hemm f'dan ir-Regolament, f'oqsma oħra ta' sorveljanza, kif ikun xieraq, sabiex jiżviluppaw sorveljanza effiċjenti u koerenti.
- (6) Is-servizzi kollha ta' navigazzjoni bl-ajru, kif ukoll il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru u l-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru, jużaw sistemi funzjonali li jippermettu l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Għaldaqstant, kwalunkwe tibdil fis-sistemi funzjonali għandu jkun soġġett għal sorveljanza tas-sikurezza.
- (7) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji f'każ li xi sistema jew komponent ta' xi sistema ma jkunux konformi mar-rekwiżiti rilevanti. F'dan il-kuntest, u b'mod partikolari meta tkun trid tinħareġ direttiva dwar is-sikurezza, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra li tordna lill-korpi nnotifikati, involuti fil-ħruġ tad-Dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 jew fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004, sabiex iwettqu investigazzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' dik is-sistema teknika.
- (8) Ir-rappurtar annwali dwar is-sorveljanza tas-sikurezza mill-awtoritajiet kompetenti għandu jikkontribwixxi għat-trasparenza u l-kontabilità tas-sorveljanza tas-sikurezza. Ir-rapporti għandhom jiġu indirizzati lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-Istat Membru li jinnomina jew jistabbilixxi l-awtorità. Barra minn hekk, huma għandhom jintużaw fil-kuntest tal-kooperazzjoni reġjonali, l-ispezzjonijiet ta' standardizzazzjoni

---

<sup>5</sup> ĠU L 291, 9.11.2007, p. 16.

<sup>6</sup> ĠU L 335, 21.12.2005, p. 13.

<sup>7</sup> ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.

<sup>8</sup> ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.

skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u l-monitoraġġ internazzjonali tas-sorveljanza tas-sikurezza. L-azzjonijiet li għandhom jiġu rrapportati għandhom jinkludu informazzjoni rilevanti fir-rigward tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-sikurezza, il-konformità tal-organizzazzjonijiet sorveljati mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli dwar is-sikurezza, il-programm ta' verifiki regolatorji tas-sikurezza, l-eżami tal-argumenti tas-sikurezza, it-tibdil fis-sistemi funzjonali implimentat mill-organizzazzjonijiet skont il-proċeduri aċċettati mill-awtorità u d-direttivi dwar is-sikurezza maħruġa mill-awtorità kompetenti.

- (9) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu arranġamenti xierqa għal kooperazzjoni mill-qrib bejniethom sabiex jassiguraw sorveljanza adegwata tal-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru li jipprovdu servizzi relatati mal-ispazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Stat Membru differenti minn dak li jkun ħaqqa iċ-ċertifikat. Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-awtoritajiet għandhom b'mod partikolari jiskambjaw informazzjoni xierqa dwar is-sorveljanza tas-sikurezza tal-organizzazzjonijiet.
- (10) L-Aġenzija għandha tevalwa aktar id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, speċjalment dawk relatati mas-sorveljanza tas-sikurezza tal-bidliet, u tohrōg Opinjoni sabiex taddattahom għal approċċ totali tas-sistema, billi tikkunsidra l-integrazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet fl-istruttura regolatorja komuni għas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili u l-esperjenza miksuba mill-partijiet interessati u l-awtoritajiet kompetenti. L-Opinjoni tal-Aġenzija għandha tfitx ukoll li tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Programm għas-Sikurezza Statali (SSP) tal-ICAO fi ħdan l-Unjoni Ewropea u bħala parti minn dan l-approċċ totali tas-sistema.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

#### **Suġġett u ambitu**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu applikati għall-eżerċizzju tal-funzjoni ta' sorveljanza tas-sikurezza mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru (ATFM) u l-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru (ASM) għat-traffiku ġenerali tal-ajru.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-attivitajiet tal-awtoritajiet kompetenti u tal-entitajiet kwalifikati li jaġixxu f'isimhom fir-rigward tas-sorveljanza tas-sikurezza tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, l-ATFM u l-ASM.

*Artikolu 2*  
**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 216/2008 u r-Regolament (KE) Nru 549/2004, ħliet id-definizzjoni fl-Artikolu 2(15) tar-Regolament 549/2004.

Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) 'azzjoni korrettiva' tfisser azzjoni sabiex telimina l-kawża ta' xi nuqqas ta' konformità li jsir magħruf;
- (b) 'sistema funzjonali' tfisser taħlita ta' sistemi, proċeduri u riżorsi umani organizzati sabiex iwettqu funzjoni fil-kuntest tal-ATM;
- (c) 'organizzazzjoni' tfisser fornitur ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru jew entità li tipprovdi ATFM jew ASM;
- (d) 'proċess' tfisser sett ta' attivitajiet relatati ma' xulxin jew interattivi li jibdel *l-inputs* f'*outputs*;
- (e) 'argument ta' sikurezza' tfisser il-wiri u l-prova li bidla proposta f'sistema funzjonali tista' tiġi implimentata fil-qafas tal-miri u l-istandards stabbiliti permezz tal-qafas regolatorju eżistenti b'mod konsistenti mar-rekwiżiti regolatorji tas-sikurezza;
- (f) 'direttiva dwar is-sikurezza' tfisser dokument maħruġ jew adottat minn awtorità kompetenti, li jordna l-azzjonijiet li għandhom jitwettqu fuq sistema funzjonali sabiex terġa' tiġi stabbilita s-sikurezza, meta jkun hemm evidenza li turi li s-sikurezza tal-avjazzjoni tista' inkella tiġi kompromessa;
- (g) 'objettiv tas-sikurezza' tfisser stqarrija kwalitattiva jew kwantitattiva li tiddefinixxi l-frekwenza jew il-probabbiltà massima li biha jista' jkun mistenni li jseħħ xi periklu;
- (h) 'verifika regolatorja tas-sikurezza' tfisser eżami sistematiku u indipendenti li jitwettaq minn, jew f'isem, awtorità kompetenti sabiex jiġi stabbilit jekk l-arranġamenti kompleti relatati mas-sikurezza jew xi elementi tagħhom, relatati mal-proċessi u r-riżultati, il-prodotti jew is-servizzi tagħhom, ikunux konformi mal-arranġamenti meħtieġa relatati mas-sikurezza u jekk ikunux implimentati b'mod effettiv u addattati sabiex jinkisbu r-riżultati mistennija;
- (i) 'rekwiżiti regolatorji tas-sikurezza' tfisser ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Unjoni Ewropea jew ir-regolamenti nazzjonali għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru jew funzjonijiet ta' ATFM u ASM li jirrigwardaw il-kompetenza u l-adegwatezza teknika u operattiva għall-forniment ta' dawn is-servizzi u funzjonijiet, il-ġestjoni tas-sikurezza tagħhom, kif ukoll is-sistemi, il-komponenti tagħhom u l-proċeduri assoċjati;
- (j) 'rekwiżit tas-sikurezza' tfisser tnaqqis tar-riskju, definit mill-istrateġija ta' tnaqqis tar-riskji li jilħaq objettiv partikolari tas-sikurezza, inklużi r-rekwiżiti organizzattivi, operattivi, proċedurali, funzjonali, ta' prestazzjoni u ta' interoperabilità jew il-karatteristiċi ambjentali;

- (k) 'verifika' tfisser il-konferma permezz tal-forniment ta' evidenza oġġettiva, li r-rekwiżiti speċifikati jkunu ġew sodisfatti;
- (l) 'servizz pan-Ewropew' tfisser servizz li jkun maħsub u stabbilit għal utenti fi ħdan l-Istati Membri kollha jew fil-biċċa l-kbira minnhom.

### *Artikolu 3*

#### **Awtorità kompetenti**

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tkun:

- (a) għall-organizzazzjonijiet li jkollhom il-post prinċipali tal-operat tagħhom u, jekk applikabbli, l-uffiċċju rreġistrat tagħhom f'wieħed mill-Istati Membri, l-awtorità nazzjonali ta' sorveljanza nominata jew stabbilita minn dak l-Istat Membru;
- (b) għall-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru li joffru servizzi fi ħdan Blokk ta' Spazju tal-Ajru Funzjonali (FAB) fejn bil-ftehim bejn l-Istati, ir-responsabbiltajiet għas-sorveljanza tas-sikurezza jkunu ġew allokati b'mod differenti mill-paragrafu (a), l-awtorità(jiet) nazzjonali ta' sorveljanza nominati jew stabbiliti skont dak il-ftehim;
- (c) għall-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi fl-ispazju tal-ajru tat-territorju li għalih japplika t-Trattat u li jkollhom il-post prinċipali tal-operat tagħhom u, jekk applikabbli, l-uffiċċju rreġistrat tagħhom barra mit-territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-trattat, l-Aġenzija;
- (d) għall-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi pan-Ewropej, l-Aġenzija.

### *Artikolu 4*

#### **Funzjoni ta' sorveljanza tas-sikurezza**

1. L-awtorità kompetenti għandha teżerċita s-sorveljanza tas-sikurezza bħala parti mis-sorveljanza tagħha tar-rekwiżiti applikabbli għas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru kif ukoll għall-ATFM u għall-ASM, sabiex timmonitorja l-forniment sikur ta' dawn l-attivitajiet u sabiex tivverifika li jintlaħqu r-rekwiżiti regolatorji applikabbli tas-sikurezza u l-arranġamenti ta' implimentazzjoni tagħhom.

2. Meta jiġi konkluż ftehim dwar is-sorveljanza ta' organizzazzjonijiet attivi fi blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali li jkopru l-ispazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' iżjed minn Stat Membru wieħed, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jidentifikaw u jallokaw ir-responsabbiltajiet għas-sorveljanza tas-sikurezza b'mod li jassigura li:

- (a) ikunu jeżistu punti speċifiċi ta' responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' kull dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament;
- (b) il-mekkaniżmi ta' sorveljanza tas-sikurezza u r-riżultati tagħhom ikunu viżibbli għall-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jirrevedu regolarment il-ftehim u l-implimentazzjoni Prattika tiegħu, b'mod partikolari fid-dawl tal-prestazzjoni miksuba tas-sikurezza.

*Artikolu 5*

**Monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-sikurezza**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu monitoraġġ u valutazzjoni regolari tal-livelli milħuqa ta' sikurezza sabiex jistabbilixxu jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli tas-sikurezza fil-blokok ta' spazju tal-ajru li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom.
2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw ir-riżultati tal-monitoraġġ tas-sikurezza sabiex jistabbilixxu b'mod partikolari l-oqsma li fihom tkun meħtieġa bħala prijorità, il-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti regolatorji tas-sikurezza.

*Artikolu 6*

**Verifika tal-konformità mar-rekwiżiti regolatorji tas-sikurezza**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu proċess sabiex jivverifikaw:
  - (a) il-konformità mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli tas-sikurezza qabel ma jinħareġ jew jiġġedded iċ-ċertifikat meħtieġ għall-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, inklużi l-kundizzjonijiet relatati mas-sikurezza li jkun hemm marbuta miegħu;
  - (b) il-konformità ma' kwalunkwe obbligu relatat mas-sikurezza fl-att tal-ħatra maħruġ skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004;
  - (c) il-konformità kontinwa tal-organizzazzjonijiet mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli tas-sikurezza;
  - (d) l-implimentazzjoni tal-oġġettivi u r-rekwiżiti tas-sikurezza, u kundizzjonijiet oħra relatati mas-sikurezza identifikati fi:
    - (i) dikjarazzjonijiet ta' verifika tas-sistemi, fosthom kwalunkwe dikjarazzjoni rilevanti dwar il-konformità jew l-adegwatezza għall-użu, ta' komponenti tas-sistemi, maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 552/2004;
    - (ii) proċeduri ta' valutazzjoni u tnaqqis tar-riskji, meħtieġa mir-rekwiżiti regolatorji tas-sikurezza applikabbli għas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, l-ATFM u l-ASM;
  - (e) l-implimentazzjoni tad-direttivi dwar is-sikurezza.
2. Il-proċess imsemmi fil-paragrafu 1 għandu:
  - (a) ikun ibbażat fuq proċeduri dokumentati;
  - (b) ikun appoġġjat minn dokumentazzjoni maħsuba speċifikament sabiex tipprovdi lill-persunal ta' sorveljanza tas-sikurezza, gwida dwar kif għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu;
  - (c) jipprovdi lill-organizzazzjoni kkonċernata, indikazzjoni tar-riżultati tal-attività ta' sorveljanza tas-sikurezza;

- (d) ikun ibbażat fuq verifiki regolatorji tas-sikurezza u reviżjonijiet imwettqa skont l-Artikoli 7, 9 u 10;
- (e) jipprovdi lill-awtorità kompetenti l-evidenza meħtieġa sabiex issostni aktar azzjonijiet, inklużi il-miżuri previsti mill-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004, l-Artikolu 7(7) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 u mill-Artikoli 10, 25 u 68 tar-Regolament (KE) 216/2008 f'sitwazzjonijiet fejn ma jkunux qegħdin jitħarsu r-reqwiziti regolatorji tas-sikurezza.

### *Artikolu 7*

#### **Verifiki regolatorji tas-sikurezza**

1. L-awtoritajiet kompetenti, jew l-entitajiet kwalifikati kif iddelegati minnhom, għandhom iwettqu l-verifiki regolatorji tas-sikurezza.
2. Il-verifiki regolatorji tas-sikurezza għandhom:
  - (a) jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti xhieda tal-konformità mar-reqwiziti regolatorji applikabbli tas-sikurezza u l-arranġamenti ta' implimentazzjoni billi jevalwaw il-ħtieġa ta' titjib jew azzjoni korrettiva;
  - (b) ikunu indipendenti mill-attivitajiet interni ta' verifika li jsiru mill-organizzazzjoni kkonċernata bħala parti mis-sistemi tagħha ta' ġestjoni tas-sikurezza jew tal-kwalità;
  - (c) jitwettqu minn awdituri kwalifikati skont ir-reqwiziti tal-Artikolu 12;
  - (d) japplikaw għal arranġamenti ta' implimentazzjoni sħaħ jew elementi tagħhom, u għal proċessi, prodotti jew servizzi;
  - (e) jistabbilixxu jekk:
    - (i) l-arranġamenti ta' implimentazzjoni jikkonformawx mar-reqwiziti regolatorji tas-sikurezza,
    - (ii) l-azzjonijiet meħuda jikkonformawx mal-arranġamenti ta' implimentazzjoni;
    - (iii) ir-riżultati tal-azzjonijiet meħuda jaqblux mar-riżultati mistennija mill-arranġamenti ta' implimentazzjoni;
  - (f) iwasslu għall-korrezzjoni ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità identifikat skont l-Artikolu 8.
3. Bħala parti mill-programm ta' spezzjoni meħtieġ mill-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru XXXX/2010, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jaġġornaw tal-anqas darba kull sena, programm ta' verifiki regolatorji tas-sikurezza sabiex:
  - (a) ikopru l-oqsma kollha ta' tħassib potenzjali għas-sikurezza, b'enfasi fuq dawk l-oqsma fejn ikunu ġew identifikati xi problemi;
  - (b) ikopru l-organizzazzjonijiet u s-servizzi kollha li joperaw taħt is-sorveljanza tal-awtorità kompetenti;
  - (c) jassiguraw li l-verifiki jitwettqu b'mod proporzjonat mal-livell ta' riskju ppreżentat mill-attivitajiet tal-organizzazzjoni;



(d) jassiguraw li jitwettqu biżżejjed verifiki, matul perjodu ta' sentejn, sabiex jivverifikaw il-konformità ta' dawn l-organizzazzjonijiet kollha mar-rekwiżiti regolatorji applikabbli tas-sikurezza fl-oqsma rilevanti kollha tas-sistema funzjonali;

(e) jassiguraw li tkun segwita l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jimmodifikaw l-ambitu tal-verifiki ppjanati minn qabel u jinkludu verifiki addizzjonali, kull fejn ikun meħtieġ.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeċiedu liema arranġamenti, elementi, servizzi, prodotti, postijiet fiżiċi u attivitajiet għandhom jiġu vverifikati fi żmien speċifikat.

6. Għandhom jiġu dokumentati l-osservazzjonijiet tal-verifika u n-nuqqasijiet ta' konformità identifikati. Dawn tal-aħħar għandhom ikunu appoġġjati b'evidenza, u identifikati f'termini tar-rekwiżiti regolatorji applikabbli tas-sikurezza u l-arranġamenti ta' implimentazzjoni tagħhom li fuq il-bażi tagħhom tkun twettqet il-verifika.

Għandu jitħejja rapport tal-verifika, li jkun jinkludi d-dettalji tan-nuqqasijiet ta' konformità.

#### *Artikolu 8*

### **Azzjonijiet korrettivi**

1. L-awtorità kompetenti għandha tikkomunika s-sejbiet tal-verifika lill-organizzazzjoni vverifikata u fl-istess ħin għandha titlob li jittieħdu azzjonijiet korrettivi sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' konformità identifikati, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni addizzjonali li tkun meħtieġa mir-rekwiżiti regolatorji applikabbli tas-sikurezza.

2. L-organizzazzjoni vverifikata għandha tistabbilixxi l-azzjonijiet korrettivi meqjusa neċessarji sabiex jindirizzaw in-nuqqas ta' konformità u ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħhom.

3. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-azzjonijiet korrettivi u l-implimentazzjoni determinat mill-organizzazzjoni vverifikata, u taċċettahom jekk il-valutazzjoni tikkonkludi li huma suffiċjenti sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet ta' konformità.

4. L-organizzazzjoni vverifikata għandha tibda l-azzjonijiet korrettivi aċċettati mill-awtorità kompetenti. Dawn l-azzjonijiet korrettivi u l-proċess ta' segwitu sussegwenti għandhom jitlestew saż-żmien aċċettat mill-awtorità kompetenti.

#### *Artikolu 9*

### **Sorveljanza tas-sikurezza tat-tibdil fis-sistemi funzjonali**

1. L-organizzazzjonijiet għandhom jużaw biss proċeduri aċċettati mill-awtorità kompetenti tagħhom meta jiddeċiedu jekk idaħħlux tibdil relatat mas-sikurezza fis-sistemi funzjonali tagħhom. Fil-każ tal-fornituri ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni jew sorveljanza, l-awtorità kompetenti għandha taċċetta dawn il-proċeduri fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2010.

2. L-organizzazzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tagħhom dwar kwalunkwe tibdil ipplanat relatat mas-sikurezza. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu proċeduri amministrattivi xierqa skont il-liġi nazzjonali.

3. Sakemm ma jkunx japplika l-Artikolu 10, l-organizzazzjonijiet jistgħu jimplimentaw it-tibdil innotifikat skont il-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

#### *Artikolu 10*

### **Proċedura ta' reviżjoni tal-bidliet proposti**

1. L-awtorità kompetenti għandha tirrevedi l-argumenti ta' sikurezza assoċjati ma' sistemi funzjonali ġodda jew il-bidliet fis-sistemi funzjonali eżistenti propost minn organizzazzjoni meta:

- (a) il-valutazzjoni tal-gravità mwettqa skont l-Anness II, punt 3.2.4 tar-Regolament (UE) Nru XXXX/2010, tiddetermina livell ta' gravità 1 jew livell ta' gravità 2 għall-effetti potenzjali tal-perikli identifikati; jew
- (b) l-implimentazzjoni tal-bidliet tkun teħtieġ li jiddaħħlu standards ġodda tal-avjazzjoni.

Meta l-awtorità kompetenti tistabbilixxi l-hteġa ta' reviżjoni f' sitwazzjonijiet differenti minn dawk koperti fil-punti (a) u (b), din għandha tinnotifika lill-organizzazzjoni li hija tkun ser tagħmel reviżjoni tas-sikurezza tat-tibdil innotifikat.

2. Din ir-reviżjoni għandha titwettaq b' mod proporzjonat mal-livell ta' riskju ppreżentat mis-sistema funzjonali l-għdida jew mit-tibdil fis-sistemi funzjonali eżistenti.

Hija għandha:

- (a) tuża proċeduri dokumentati;
- (b) tkun appoġġjata b' dokumentazzjoni maħsuba speċifikament sabiex tipprovi lill-persunal ta' sorveljanza tas-sikurezza, gwida dwar kif għandhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom;
- (c) tikkunsidra l-għanijiet tas-sikurezza, ir-rekwiżiti tas-sikurezza u kundizzjonijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mas-sikurezza, relatati mat-tibdil ikkunsidrat, li jkunu għew identifikati fi:
  - (i) dikjarazzjonijiet ta' verifika tas-sistemi msemmijin fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004;
  - (ii) dikjarazzjonijiet dwar il-konformità jew l-adeqwatezza għall-użu, ta' komponenti tas-sistemi, msemmijin fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 552/2004; jew
  - (iii) dokumentazzjoni dwar il-valutazzjoni u t-tnaqqis tar-riskji, stabbilita skont ir-rekwiżiti regolatorji applikabbli tas-sikurezza;
- (d) tidentifika kundizzjonijiet addizzjonali relatati mas-sikurezza, assoċjati mal-implimentazzjoni tat-tibdil, kull fejn ikun meħtieġ;
- (e) tivvaluta l-aċċettabilità tal-argumenti ta' sikurezza ppreżentati, billi tikkunsidra:
  - (i) l-identifikazzjoni tal-perikli;

- (ii) il-konsistenza fl-allokkazzjoni tal-klassifikazzjonijiet tal-gravità;
  - (iii) il-validità tal-objettivi tas-sikurezza;
  - (iv) il-validità, l-effettività u l-vijabilità tar-rekwiżiti tas-sikurezza u kwalunkwe kundizzjoni oħra identifikata, relatata mas-sikurezza;
  - (v) il-wiri li l-objettivi u r-rekwiżiti tas-sikurezza, u kundizzjonijiet oħra relatati mas-sikurezza, ikunu qegħdin jintlaħqu kontinwament;
  - (vi) il-wiri li l-proċess użat sabiex jinħolqu l-argumenti tas-sikurezza jissodisfa r-rekwiżiti regolatorji applikabbli tas-sikurezza;
- (f) tivverifika l-proċessi użati mill-organizzazzjonijiet sabiex joħolqu l-argumenti tas-sikurezza fir-rigward tas-sistema funzjonali l-ġdida jew il-bidliet fis-sistemi funzjonali eżistenti li jkun qed jiġi kkunsidrat;
  - (g) tidentifika l-ħtieġa għall-verifika ta' konformità kontinwa;
  - (h) tinkludi kwalunkwe attività meħtieġa ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tas-sikurezza tal-kundizzjoni tajba għat-titjir u l-operazzjonijiet tat-titjir;
  - (i) tipprovdi notifika tal-aċċettazzjoni, bil-kundizzjonijiet fejn applikabbli, jew taċ-ċaħda, bir-raġunijiet ta' sostenn, tat-tibdil li jkun qed jiġi kkunsidrat.
3. Id-dħul fis-servizz, tat-tibdil li jkun qed jiġi kkunsidrat fir-reviżjoni, għandu jkun suġġett għall-aċċettazzjoni mill-awtorità kompetenti.

### *Artikolu 11* **Entitajiet kwalifikati**

1. Meta awtorità kompetenti tiddeċiedi li tiddelega t-twettiq tal-verifiki regolatorji tas-sikurezza jew ir-reviżjonijiet skont dan ir-Regolament lil xi entità kwalifikata, hija għandha tassigura li l-kriterji użati sabiex tintgħażel entità minn fost dawk kwalifikati skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 u l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, ikunu jinkludu dan li ġej:
- (a) l-entità kwalifikata jkollha esperjenza preċedenti fl-evalwazzjoni tas-sikurezza f'entitajiet tal-avjazzjoni;
  - (b) l-entità kwalifikata ma tkunx involuta fl-istess ħin f'attivitajiet interni tas-sistemi ta' ġestjoni tas-sikurezza jew tal-kwalità tal-organizzazzjoni kkonċernata;
  - (c) il-persunal kollu li għandu x'jaqsam mat-twettiq tal-verifiki regolatorji tas-sikurezza jew tar-reviżjonijiet, ikun imħarreġ u kwalifikat kif għandu jkun u jissodisfa l-kriterji ta' kwalifika li hemm fl-Artikolu 12(3) ta' dan ir-Regolament.
2. L-entità kwalifikata għandha taċċetta l-possibbiltà li tiġi verifikata mill-awtorità kompetenti jew minn kwalunkwe organu li jaġixxi f'isimha.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu rekord tal-entitajiet kwalifikati kkummissjonati sabiex iwettqu verifiki regolatorji tas-sikurezza jew reviżjonijiet f'isimhom. Dawn ir-rekords għandhom jiddokumentaw il-konformità mar-rekwiżiti li jinsabu fil-paragrafu 1.

#### *Artikolu 12*

### **Kapaċitajiet ta' Sorveljanza tas-Sikurezza**

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jassiguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-kapaċità neċessarja sabiex jiżguraw is-sorveljanza tas-sikurezza tal-organizzazzjonijiet kollha li joperaw taħt is-superviżjoni tagħhom, fosthom riżorsi suffiċjenti sabiex iwettqu l-azzjonijiet identifikati f'dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipproduċu u jaġġornaw kull sentejn, stima tar-riżorsi umani meħtieġa sabiex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom ta' sorveljanza tas-sikurezza, li tkun ibbażata fuq l-analiżi tal-proċessi meħtieġa minn dan ir-Regolament u l-applikazzjoni tagħhom.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassiguraw li l-persuni kollha involuti fl-attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza jkunu kompetenti sabiex iwettqu l-funzjoni meħtieġa. Għaldaqstant, huma għandhom:

- (a) jiddefinixxu u jiddokumentaw l-edukazzjoni, it-taħriġ, l-għarfien tekniku u operattiv, l-esperjenza u l-kwalifiki rilevanti għad-doveri ta' kull pożizzjoni involuta fl-attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza fi ħdan l-istruttura tagħhom;
- (b) jassiguraw taħriġ speċifiku għal dawk involuti f'attivitajiet ta' sorveljanza tas-sikurezza fi ħdan l-istruttura tagħhom;
- (c) jassiguraw li l-persunal maħtur sabiex iwettaq il-verifiki regolatorji tas-sikurezza, inkluż il-persunal ta' verifika mill-entitajiet kwalifikati, jissodisfa l-kriterji speċifiċi ta' kwalifika definiti mill-awtorità kompetenti. Dawn il-kriterji għandhom jindirizzaw:
  - (i) l-għarfien u l-fehim tar-rekwiżiti relatati mas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, l-ATFM u l-ASM, li bihom jistgħu jsiru l-verifiki regolatorji tas-sikurezza;
  - (ii) l-użu ta' tekniki ta' valutazzjoni;
  - (iii) il-ħiliet meħtieġa għat-twettiq ta' verifika;
  - (iv) il-wiri tal-kompetenza tal-awdituri permezz ta' evalwazzjoni jew mezzi oħra aċċettabbli.

#### *Artikolu 13*

### **Direttivi dwar is-sikurezza**

1. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ direttiva dwar is-sikurezza meta tistabbilixxi l-eżistenza ta' kundizzjoni ta' nuqqas ta' sikurezza f'sistema funzjonali li tkun teħtieġ azzjoni immedjata.

2. Direttiva dwar is-sikurezza għandha tintbagħat lill-organizzazzjonijiet ikkonċernati u, bħala minimu, għandha tinkludi din l-informazzjoni:

- (a) l-identifikazzjoni tal-kundizzjoni ta' nuqqas ta' sikurezza;
- (b) l-identifikazzjoni tas-sistema funzjonali milquta;
- (c) l-azzjonijiet meħtieġa u l-ġustifikazzjoni għalihom;
- (d) il-limitu taż-żmien għall-konformità tal-azzjonijiet meħtieġa, mad-direttiva dwar is-sikurezza;
- (e) id-data tad-dħul fis-seħħ tagħha.

3. L-awtorità kompetenti għandha tibgħat kopja tad-direttiva dwar is-sikurezza lill-Aġenzija u lil kwalunkwe awtorità kompetenti oħra kkonċernata, b'mod partikolari dawk involuti fis-sorveljanza tas-sikurezza tas-sistema funzjonali, u lill-Kummissjoni.

4. L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità mad-direttivi applikabbli dwar is-sikurezza.

#### *Artikolu 14*

### **Rekords dwar is-sorveljanza tas-sikurezza**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu u jħallu aċċess għar-rekords adatti relatati mal-proċessi tagħhom ta' sorveljanza tas-sikurezza, inklużi r-rapporti tal-verifiki regolatorji kollha tas-sikurezza u rekords oħra relatati mas-sikurezza li għandhom x'jaqsmu maċ-ċertifikati, il-ħatriet, is-sorveljanza tas-sikurezza tal-bidliet, id-direttivi dwar is-sikurezza u l-użu tal-entitajiet kwalifikati.

#### *Artikolu 15*

### **Rappurtar tas-sorveljanza tas-sikurezza**

1. L-awtorità kompetenti għandha tipproduċi rapport annwali tas-sorveljanza tas-sikurezza dwar dawk l-azzjonijiet li jittieħdu skont dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar dawn li ġejjin:

- (a) l-istruttura u l-proċeduri organizzattivi tal-awtorità kompetenti;
- (b) l-ispazju tal-ajru li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri li jkunu stabbilixxew jew innominaw l-awtorità kompetenti, jekk applikabbli, u l-organizzazzjonijiet li jaqgħu taħt is-sorveljanza tal-awtorità kompetenti;
- (c) l-entitajiet kwalifikati kkummissjonati sabiex iwettqu l-verifiki regolatorji tas-sikurezza;
- (d) il-livelli eżistenti ta' riżorsi tal-awtorità;
- (e) kwalunkwe kwistjoni ta' sikurezza identifikata waqt il-proċessi ta' sorveljanza tas-sikurezza operati mill-awtorità kompetenti;

2. L-Istati Membri għandhom jużaw ir-rapporti magħmula mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom meta jissottomettu r-rapporti annwali tagħhom lill-Kummissjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004.

Ir-rapport annwali dwar is-sorveljanza tas-sikurezza għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kkonċernati fil-każ ta' blokko ta' spazju tal-ajru funzjonali, tal-Aġenzija u tal-programmi jew attivitajiet imwettqa fl-ambitu ta' arranġamenti internazzjonali għall-monitoraġġ jew il-verifika tal-implimentazzjoni tas-sorveljanza tas-sikurezza tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru, l-ATFM u l-ASM.

#### *Artikolu 16*

#### **Skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu arranġamenti għal kooperazzjoni mill-qrib skont l-Artikoli 10 u 15 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 550/2004 u jiskambjaw kwalunkwe informazzjoni xierqa sabiex jassiguraw is-sorveljanza tas-sikurezza tal-organizzazzjonijiet kollha li jipprovdu servizzi jew funzjonijiet transkonfinali.

#### *Artikolu 17*

#### **Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. L-azzjonijiet li jinbdeu qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1315/2007 għandhom jiġu amministrati f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità ta' Stat Membru li kellha r-responsabbiltà għas-sorveljanza tas-sikurezza ta' organizzazzjonijiet li għalihom l-Aġenzija kienet l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 3, għandha tittrasferixxi l-funzjoni ta' sorveljanza tas-sikurezza ta' dawn l-organizzazzjonijiet lill-Aġenzija, sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 18*

#### **Dispożizzjonijiet ta' revoka**

1. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1315/2007 huwa b'dan revokat.

#### *Artikolu 19*

#### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fi *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, ...

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*